**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 57

Il-Ħamis 16 ta' Frar,2017

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-4:30PM ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Dr. Marc Sant – Kap tal-Minoranza
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Kunsilliera
Is-Sinjur Massimo Scerri - Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresjedat il-laqgħa.

## 57.1 Introduzzjoni

57.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-16.42 *hours* b'introduzzjoni mis-Sindku fejn stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezjonijiet tagħhom għall-minuti nr 56 bid-data ta' 20 ta' Jannar 2017.
57.1.2 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar avżat li kellha tiġi ftit tard.
57.1.3 Ġew iċċekjati l-korrezjonijiet li kellhom isiru u wara li ġew ikkonfermati fuq proposta ta' Dr. Marc Sant sekondat mis-Sur Massimo Scerri, minuti nr 56 ġew approvati unanimament.

## 57.2 Punti mqajma mill-minuti

57.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq punti 56.4.4 fuq il-ħajt perikoluż tal-fabbrika ta' Ħalmann.
57.2.2 Hija qalet li dakinhar poġġa blokki kbar minħabba l-periklu tal-ħajt.
57.2.3 Is-Sindku, Sinjura Magda Magri Naudi qalet li hija kienet tkellmet ma' Ħalmann u kkonfermawlha li l-ħajt mhux perikoluż għax huwa ħajt dobblu imma ser jieħdu ħsieb jirranġawh anke qalulha li x-xaħx li hemm mhux qed jintuża u jridu jaraw x'se jagħmlu bih.
57.2.4 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant tkellem fuq il-bandiera li għandha ssir fil-bidu ta' Transfiguration Avenue.
57.2.5 Is-Segretarju nfurmat li l-perit kien qal li biex issir din il-bandiera trid issir Full Development Application mal-MEPA.
57.2.6 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant qal li m'hemmx għalfejn isir dan għax il-bandiera trid issir direttament fuq l-art.
57.2.7 Għandna nerġgħu nistaqsu lill-perit għal parir tiegħu filwaqt li nistaqsu lill-Kunsilli oħra wkoll biex naraw x'għamlu.

## 57.3 Rapporti - Unaudited Accounts għas-sena li għalqet fil-31 ta'Diċembru 2016

57.3.1 Il-ħin issa huwa 16.50 *hours* u waslet fl-uffiċċju tal-Kunsill l-accountant fejn ser jiġu ppreżentati u spjegati l-unaudited accounts għall-approvazzjoni tal-Kunsill.
57.3.2 L-Accountant tal-Kunsill bdiet tispjega fuq l-*Statement of Comprehensive* għas-sena li għalqet f'Diċembru 2016.
57.3.3 Hija għamlet dan billi kull *entry* kellha n-noti tagħha u peress li ħareġ profitt għaġixxiet b'mod konservattiv.
57.3.4 Hija qalet li fis-sena 2016 kien hemm ħafna dħul mir-reġuni u dħul ieħor mill-live streaming u l-Festival taċ-Ċitru anke d-differenza bejn it-tipping fees u x'jagħtuna bħala allokazzjoni ma kienetx daqshekk kbira daqs is-sena ta' qabel.
57.3.5 L-Accountant spjegat fid-dettal dawn l-accounts u l-Kunsilliera flimkien magħha ddiskutew dawn l-accounts.
57.3.6 L-Accountant qalet li bħala dħul huwa bejn wieħed u ieħor bħal tas-sena ta' qabel imma bħala spejjes kien hemm differenza kbira.
57.3.7 Il-ħin issa huwa 17.15 *hours* u waslet il-Kunsilliera, is-Sinjorina Stephanie Cutajar.

57.3.8 L-Accountant tkellmet fuq il-*credit note* li għandna mill-Arms għall-arloġġ tas-Soft area għall-ammont ta' €1,395.43 fejn din tista' tintuża biss fuq dak il-kont partikolari.
57.3.9 Hija tat parir lill-Kunsill li dan il-kont għandu jibqa' kif inhu u l-kontijiet ta'l-arloġġ jittieħdu minnu.
57.3.10 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienet intbagħtet ittra lill-Arms biex isir it-transfer ta' dak il-kont, għax għadhu ssejjaħ lis-Segretarju preċidenti, imma dan ma kienx biżżejjed.
57.3.11 L-Accountant qalet li fil-'management letter' kien hemm li l-Kunsill irid iżomm kontroll fuq il-ktieb 'Ħal Lija fi Tfuliti'.
57.3.12 Il-kotba nġiebu kollha fl-uffiċċju tal-Kunsill u sadanitant l-editur baqa' jbiegħ dawn il-kotba bil-prezz ta' €5.00, kull kopja.
57.3.13 Ittieħed 'stock-take' tal-kotba u fl-uffiċċju tal-Kunsill hemm 2024 kopja u ġew ivvalutati bil-prezz li kienu nxtraw. Id-differenza ta' l-ammont ġiet *written off.*
57.3.14 L-Accountant issuġġerit li qabel ma l-kotba li jinstabu fl-uffiċċju tal-Kunsill jiġrilhom il-ħsara, minħabba umdita' u affarijiet oħra, il-Kunsill għandu jikkonsidra li jqassam ktieb bieb bieb b'xejn anke minħabba l-fatt l-iżbalji li għandu dan il-ktieb meta l-istampatur ħa żball u ppublika l-ktieb il-ħażin u mhux dik li kienet 'proof read'.
57.3.15 Kien hemm min qabel fuq din imma ma ġiex deċiz eżatt x'ser isir.
57.3.16 L-Accountant ġibdet l-attenzjoni li għandna nkunu nafu l-ispejjes għal claims kollha li għandna fil-Qorti u anke wkoll ta' l-Avukat.
57.3.17 Għandna nistaqsu lill-Avukat tal-Kunsill biex jgħidilna x'fadal kawżi pendenti u jagħtina l-ispejjes tagħhom anke mat-terzi biex l-Accountant tagħmel 'provision' għalihom.
57.3.18 Fl-aħħar nett l-Accountant infurmat lill-Kunsill li għalaqna s-sena 2016 bi profitt ta' €27,246.00, hemm qabża pożittiva ħafna.
57.3.19 Dan diment li m'hemmx xi claims li ma nafux bihom.
57.3.20 Hija qalet li s'issa l-'current assets' huma iktar mill-'current liabilities'.
57.3.21 Is-Segretarju staqsiet jekk aħniex il-fuq mill-FSI ta' 10% ta' l-allokazzjoni tas-sena l-oħra li kienet tammonta għal €24,650.00
57.3.22 L-Accountant ikkonfermat li hekk kif inhuma l-Accounts, il-Kunsill m'għadux *in the negative FSI* u suppost il-*complaints* li għamlu l-awdituri s-sena l-oħra ġew 'cleared.
57.3.23 Dan ma ġarax permess ta' l-operat biss imma kien hemm ħafna 'adjustments' li ġew 'cleared' mit-2013 u 2014, ġiet ikkoreġuta 2015 u meta bdiet tidħol fid-dettal fit-2016 kompliet tnaqqas.
57.3.24 Hija qalet li ma tistax tgħid li din l-istampa ser tikkopja ruħha fit-2017 għal fatt li fit-2017 ma fadalx iktar x'jiġi irriversjat.
57.3.25 Hija qalet li din is-sena qegħdin ħafna aħjar bħala 'cash situation' mis-sena l-oħra.
57.3.26 Hija kompliet tgħid li suppost stabilixxejna ruħna mad-Dipartiment fejn jidħlu finanzi.
57.3.27 Hija semmiet li xorta mhux kuntenta sa barra b'ċerti affarijiet, waħda minnhom hija fuq il-binja tal-Kunsill.
57.3.28 Fuq din l-*issue* għandha tinħareġ 'expression of interest' u ser tiġi ppreparata mill-Minority Leader Dr. Marc Sant.
57.3.29 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa jekk nistawx mill-fondi li nirċievu mir-Reġjun, inħallsu lill-Polidano
57.3.30 L-Accountant qalet li lill-Polidano għandna nħallsuh kif kien mifthiem fl-agreement u b'dawk il-flus isiru affarijiet oħra.
57.3.31 Kif inhi is-sitwazzjoni, l-Accountant qalet li iktar hemm ċans li ninegozjaw mal-Bank fuq xi propjeta' milli kif konna qabel.
57.3.32 L-unaudited accounts ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u l-Segretarju biex l-għada, l-Ġimgħa, dawn jintbagħtu għand l-Awditur Ġenerali u l-awdituri li ser ikollu l-Kunsill.
57.3.33 Il-ħin issa huwa 17.45 u wara li l-Kunsill irringrazzja lill-Accountant tax-xogħol u ta' l-ispjegazzjoni tagħha fuq l-accounts, din ħarġet mill-kamra u l-laqgħa tkompliet.

## 57.4 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera l

57.4.1 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fuq e-mail li l-Kunsill irċieva fuq ilment ta' resident li joqgħod fiTriq Il-Forn minħabba Sqaq numru 1.
57.4.2 Hija qed tistaqsi jekk hemmx ċans li l-village core isir 'Parking for residents only' u min mhux resident ikollu parking ta' siegħa peress li filgħaxija parking għar-residenti mhux qed ikun hemm.
57.4.3 Kemm il-Kunsilliera kif ukoll is-Segretarju kkonfermaw li Transport Malta mhux qed jagħtu permessi għal 'No Parking for Residents only' pero min kellhu għadhom qed jintużaw.
57.4.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qed tgħid li mhux qed jinstab parking għar-residenti u mhux fair speċjalment meta jkun hemm il-loghob tal-football.
57.4.5 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġġerit peress li ser tinżamm il-laqgħa tal-lokalita' dak inhar stess għandha tinġibed l-attenzjoni tar-residenti li min għandu garaxx, għandhom jużawhom u mhux jieħdu post barra ta' ħaddieħor.
57.4.6 Għandha tinkiteb ċirkulari li tispjega dan u nagħmluha fuq facebook u anke fuq il-website.
57.4.7 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa kif bqajna fuq ir-Restawr tat-Torri.
57.4.8 Is-Segretarju nfurmat li bagħtet e-mail lil l-avukat għal parir tiegħu jekk nkunux nistgħu nkomplu mal-Perit li kien għamel il-costings fuq dan il-proġett imma x'aktarx ser ikollna nqabdu perit ieħor wara li tinħareġ kwotazzjoni.
57.4.9 Is-Segretarju fakkret li l-perit preżenti tal-Kunsill qal li huwa m'huwiex kompetenti fuq restawr.
57.4.10 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar infurmat lill-Kunsill li kienet iltaqgħet mas-sur Darren Grasso tal-MEUSAC fuq il-proġett tal-Youth Exchange.
57.4.11 Hija qalet li huwa jaf lil xi ħadd minn Poland li tkun tista tgħinnha peress li aħna għadt m'għandniex esperjenza fuq hekk.

## 57.5 Komunikazzjoni mis-Sindku u VIP List

57.5.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq l-emendi għal proposta ta' Bye-laws dwar Notice Boards u dwar il-Protezzjoni tat-Torri tal-Belvedere u l-Mitħna li bagħtet l-avukat tad-Dipartiment u li dawn iridu jiġu approvati mill-Kunsill biex ikunu jistgħu jiġu proċessati.
57.5.2 Dawn l-emendi ġew moqrija mis-Sindku, lill-Kunsilliera.
57.5.3 Dawn l-emendi ġew approvati mill-Kunsill u għandna ninfurmaw lil l-avukat tad-Dipartiment b'din l-approvazzjoni.
57.5.4 Residenta li toqgħod il-housing estate qed tagħmel request biex fejn il-garaxx tagħha numru 3, kif taqbeż l-ufficċju tal-Water Services fejn hemm il-letter box biex isiru double yellow lines mal-ħajt u fil-kantunieri. Dan għaliex minħabba li l-karozzi qed jipparkjaw hemmhekk mhux qed jirnexxilha toħroġ mill-garaxx.
57.5.5 Il-Kunsill unanimament qabel ma' din ir-request, diment li ma jitneħħiex parking.
57.5.6 Residenta li toqgħod Triq Preziosi sqaq nru. 1 qed titlob biex titwaħħal tow zone sign għax ħafna karozzi qed jipparkjaw fid-daħla ta' dan l-isqaq u jagħlqu l-passaġġ. Dan ir-request kien diġa ġie diskuss fil-laqgħa l-oħra preċidenti. Il-Kunsill kien iddeċieda li dan ir- request jiġi diskuss fil-laqgħa li kellu ma' TM fuq traffic management u *pending requests*. Meta Transport Malta bagħtu l-feedback lura qalulna li huma m'għandhomx x'jaqsmu u l-pulizija jrid jagħtina l-permess biex inwaħlu din it-tabella. Il-Kunsill

ċempel lill-pulizija u l-pulizija qalilna li huma m'għandhomx x'jaqsmu lanqas u affarijiet bħal dawn il-Kunsill jiddeċiedi jekk isirux jew le. Għalhekk dan ir-request reġgħa qed jitressaq quddiem il-Kunsill.

57.5.7 Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u ġie deċis li ssir grid jew tow zone quddiem din ir-residenta u minn naħa ta' ġewwa jitħalla spazju għal parking.

57.5.8 Resident li joqgħod triq Dun Ġużepp Tanti qed jagħmel request biex isiru double yellow lines quddiem żewġ garaxxijiet li huwa għandu f'din it-triq. Dan għaliex qed jsibha ħafna diffiċli biex joħroġ u jdur minn ġol-garaxx għax il-karozzi qed jipparkjaw eżatti mal-ġnub. Għalhekk irid double yellow lines fuq żewġ naħat taż-żewġ garaxxijiet. Garaxx minnhom jismu Redentur u l-garaxx l-ieħor qiegħed mad-dar 'Charlkate'.

57.5.9 Wara li l-Kunsill iddiskuta dan ir-request, ġie deċis li jsir one meter fuq kull naħa tal-garaxxijiet.

57.5.10 Tressqet e-mail quddiem il-Kunsill ta' residenta fi Triq Sant Andrija li għandha problema li fi Triq Sant Andrija c/w Triq Annibale Preca fejn hi talbet bankina quddiem ir-residenza tagħha.

57.5.11 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ssuġġerit li din ir-residenta għandha tapplika għall-reserved parking minħabba s-sitwazjoni tagħha.

57.5.12 Ġie deċis li għandna ngħidu lill-perit biex naraw jekk din il-bankina tistax issir.

57.5.13 Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien ġie deċis li jsiru sensors f'Halmann area u anke fi Triq Sant'Andrija. Intbagħtet e-mail lil Mr. Dominic Vella, Manager ta' TM fuq l-area ta' Ħal Lija, għal għajnuna kif dawn jistgħu jsiru.

57.5.14 Is-Sur Vella qed jistaqsi lill-Kunsill jekk jixtieqx li dawn is-sensors jkunu hemm għal 24 siegħa jew f'peak hours.

57.5.15 Il-Kunsill iddeċieda li dawn is-sensors ikunu għal 24 siegħa mit-Tnejn sal-Ħadd, imma mhux fil-btali pubbliċi.

57.5.16 Residenta qiegħda tagħmel request lill-Kunsill Lokali li quddiem id-dar ta' ommha nunru 45 Triq il-Mitħna, hemm bżonn li jsir 'patching' ġdid għaliex it-triq kollha maqlugħa u qiegħed jidħol l-ilma tax-xita fid-dar ta' ommha. Dan il-'patching' kien sar xi għaxar snin ilu mill-kuntrattur Giovann ta' l-Ells.

57.5.17 Il-Kunsill iddeċida li dan il-'patching' isir għalhekk għandna ngħidu lill-perit biex jagħtina l-costings ta' dan ix-xogħol.

57.5.18 Is-Segretarju nfurmat li l-perit għandu jagħti l-costings tiegħu ta' kemm ser jiswa biex hu jagħmel il-costings fuq ix-xogħolijiet li tajnieh.

57.5.19 Resident ressaq ilment li għandu plot fi Triq Depiro Gourgion li daqt ser jibdew jibnuha u xtaqu jgħaddu lment lill-Kunsill li meta tagħmel ix-xita l-ilma kollu tat-triq ixaqleb kollu għal ġol-plot tagħhom. Huma jridu li l-Kunsill jirranġa din is-sitwazjoni tat-triq għaliex ma jistawx jibdew jaħdmu. Kull darba li tagħmel ix-xita qegħdin ineħħu bowsers sħaħ ta' l-ilma.

57.5.20 Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u ġie għal konklużjoni li peress li din hija 'first time' *surfacing* għandha ssir request lil Transport Malta bħal ma diġa kien sar anke snin ilu.

57.5.21 Il-Kunsill jispera Transport Malta ma jiddeċidiex li ma jagħmilix għal fatt li għadt hemm plots li għadhom mhux żviluppati.

57.5.22 Is-Sur Joseph Mangion xtaq jgħid lill-Kunsill li l-Kappillan qiegħed joffri li jwaħħal lampa fuq il-knisja n-naħa tas-Sinjura Conti fejn hemm il-bieb tal-ġnien ta' residenta biex fuq zuntier ikun hemm id-dawl. Il-Kunsill kien għamel request lil Fabian għal kwotazzjoni għal bozza f'dik l-area. Hu xtaq jistaqsi lill-Kunsill jekk il-Kunsill jixtieqx jqabbad din il-lampa. Aħna kellimna lil Fabian u qalilna li skond kif tkun il-lampa imma bejn wieħed u ieħor xi €65 mingħajr il-'wiring'.

57.5.23 Il-Kunsill qabel ma' din ir-request u għandna ninfurmaw lill-kappillan.

57.5.24 E-mail mingħand resident rigward *parking problems* fi Triq il-Forn fl-isqaq eżatt ħdejn tal-laħam. Bażikament hemm resident li joqgħod f'dak li sqaq li qiegħed jipparkja l-

karozza tiegħu quddiem l-entratura ta' l-isqaq b'tali mod li jagħlaq żewġ 'parking spaces' li hemm fl-isqaq u b'hekk ma jkunux jistgħu jintużaw.

57.5.25 Wara li l-Kunsill iddiskuta din ir-request ġie deċis li għandha nitkellmu mar-resident li qed nirċievu r-rapporti u biex ma jkomplix jghalaq l-entratura ta' l-isqaq.

57.5.26 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet ikkuntatjatha Francelle mill-MTA fejn sejħet laqgħa magħha biex tkellimha fuq ir-restawr tat-Torri, nhar it-Tlieta 21 ta' Frar fid-9.30a.m.

57.5.27 Hija qalet li l-MTA mhux ser iwiegħdu xejn imma jridu jaraw anke l-'costings' li għandna fuq dan il-proġett.

57.5.28 Is-Segretarju qalet li xorta waħda jrid jinħatar perit ġdid.

57.5.29 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li kellha laqgħa ma' l-iżviluppatur tal-binja ta' Triq Daniel Sammut.

57.5.30 Huwa qed jipproponi li jtarraġ il-bini, u anke li titneħħa l-penthouse area.

57.5.31 Hija qaltlu li l-Kunsill ma jaqbilx iżda jikkonsidra tlett sulari u penthouse.

57.5.32 Is-Sindku qalet ukoll li ddiskutiet ukoll ma' l-iżviluppatur sabiex id-disinn ta' l-appartamenti jkun iktar ta' livell għoli milli qiegħed bħalissa u li l-garaxxijiet jinbiegħu ma' l-appartamenti.

## 57.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

57.6.1 Items oħra ma kienx hemm.

## 57.7 Attivitajiet

57.7.1 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant, informa lill-Kunsill li l-applikazjoni għall-'Cultural Tours' ġiet sottomessa lis-Sinjur Julian Zarb, tal-Ministry of Foreign Affairs.

57.7.2 Irridu naraw x'ħa jgħidulna.

## 57.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash

57.8.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti għal dan ix-xahar.

57.8.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvawx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.

57.8.3 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa li għal dan ix-xahar qbiżna l-ammont li suppost nonfqu.

57.8.4 Is-Segretarju qalet li peress li bejn Jannar u Frar daħħalna flus bizzejjed li stajna naffordjaw li nonfqu ftit iktar u xorta ser jibqa iktar minn €500.00fil-kont.

57.8.5 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant, tkellem fuq il-pagament tal-Vodafone li ammonta għall- €57.20.

57.8.6 Is-Segretarju nfurmat li l-kuntratt suppost ikun ta' €60.00.

57.8.7 Il-Minority Leader staqsa jekk nistawx namalgamaw l-internet flimkien mal-mobile.

57.8.8 Ser jiġi ċċekkjat dan, filwaqt li għandu jiġi ċċekkjat ukoll x'joffri l-kuntratt ta' €35.00.

57.8.9 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri, sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar, il-pagamenti ġew approvati unanimament.

57.8.10 Ġie approvat ukoll l-ammont tal-petty cash għal dan ix-xahar.

## 57.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

57.9.1 Il-laqgħa ntemmet fi 18.20p.m. hrs u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Marzu 2017, fil-5:00pm.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

Magda Magri Naudi
Sindku

Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv

---